MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 3463/1996/1

**Marpierre Estates Limited**

**Vs**

**John Grech, Denise Grech u Cottoner Limited**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**

**<u>IC-CITAZZJONI TAS-SOCJETA` ATTRICI</u>**

1. B’citazzjoni pprezentata fl-10 ta’ Dicembru, 1996, is-socjeta` attrici wara li ppremettiet:-
Illi kif jidher mill-kopja tal-kuntratt notarili datata 21 ta’ Frar, 1995, is-socjeta` attrici hija proprjetarja tal-“Cottoner Pizzerija and Take Away” sitwata fil-Vjal Cottoner, Fgura, u ilha tiggestixxi negozju ta’ pizzerija u take away kif ukoll bar u restaurant mill-imsemmi fond taht l-isem “Cottoner Bar & Restaurant Pizzerija & Take Away” mis-sena 1995; illi kif jidher mill-permessi tal-Pulizija n-negozju ta’ l-attrici huwa wkoll maghruf bhala “Cottoner”; illi kif jidher mid-dokument A; illi s-socjeta` attrici akkwistat l-imsemmi fond minghand Tlata Limited u kif jidher mid-dokument B – Kuntratt ta’ akkwist tal-21 ta’ Lulju, 1994 – u Tlata Limited kienet akkwistat l-imsemmi fond minghand il-konvenuti John Grech u Denise Grech personalment, li pero` huma azzjonisti u diretturi tas-socjeta` l-konvenuta l-ohra Cottoner Limited;

Illi sabiex is-socjeta` attrici otteniet il-permessi tal-Licenzji tal-Pulizija biex tkun tista’ topera l-imsemmija pizzerija u take away taht l-isem Cottoner kien mehtieg ukoll il-kunsens tal-konvenut John Grech – li fil-fatt tah – u dan peress illi originarjament qabel ma hu ttrasferixxa l-pizzerija u take away lil Tlata, il-permessi kienu jghajtu lilu, u peress illi kif jidher mid-dokumenti hawn esebiti bhala Dok C, Dok D u Dok E, issa wara l-iter normali sabiex isiru t-trasferimenti tal-licenzji u permessi, l-permessi u licenzji kollha ta’ l-istabiliment appartenenti lis-socjeta` attrici huma fuq isem is-socjeta` attrici; illi wara t-trasferiment tal-pizzerija mill-konvenuti John u Denise Grech lil Tlata Limited li sar fil-21 ta’ Lulju, 1994 (Dok B) il-konvenuti qatt ma operaw pizzerija, take away jew restaurant mill-ebda fond sitwat fil-vjal Cottoner, Fgura la taht l-isem Cottoner lanqas taht xi isem iehor, u tabilhaqq il-konvenuti John u Denise konjugi Grech kienu obbligaw rwiehhom li jittrasferixxu l-permessi tan-negozju lill-akkwirenti ara Dok G;

Illi ricentement il-konvenuti ikkonvertew fond adjacenti ghall-istabilimenti tas-socjeta` attrici f’restaurant u pizzerija kif ukoll take away u bdew joperawh taht l-isem “Cottoner Bar and Restaurant”, liema fond qabel kien

jintuza esklussivament bhala sala tar-ricevimenti; u peress illi l-konvenuti gabu wkoll reklami u avvizi fuq il-gazzetti kif jidher minn Dok F u fuq il-mezzi tax-xandir li bihom jidher car illi l-konvenuti bdew juzaw l-isem “Cottoner” f’generu ta’ negozju li sa mill-1994 ma kienux joperaw fih – anzi ddisponew minnu – u li, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, bdew u qed joholqu konfuzjoni f’ghajnejn il-konsumatur u jiehdu l-klientela tas-socjeta` attrici li tiggestixxi n-negozju taghha bl-istess isem “Cottoner”; u peress huwa car mill-imsemmi reklami u avvizi illi l-konvenuti dan qed jaghmluh biex jisirqu x-xoghol ta’ parties u ricevimenti li normalment is-socjeta` attrici kienet tospita jew torganizza fil-perjodu tal-festi tal-Milied oltre negozju iehor fil-futur;

Illi kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, bl-imsemmija avvizi u reklami, l-konvenuti qed jxandru informazzjoni ghal skop ta’ kompetizzjoni li jista’, kif fil-fatt ghamel, jippregudika n-negozju tas-socjeta` attrici; ukoll li recentement il-konvenuti qeghdin jixtru minghand min jissuplixxi ikel, u xorb lill-barijiet u restaurants taht l-isem Cottoner b’tali mod illi l-istess supplituri qeghdin jigu konfuzi u qed imorru jew ghal hlas jew biex jikkonsenjaw il-merce ghand is-socjeta` attrici;

Illi ukoll l-istess konvenuti sabiex jottjenu licenzji tal-pulizija halli jkunu jistghu joperaw in-negozju taghhom qed jaghmlu referenza ghall-permessi li llum huma f’isem is-socjeta` attrici peress illi qabel, u cioe` qabel ma ddisponew min-negozju tal-pizzerija fl-1994, kienu wkoll f’isimhom;

Illi bl-imgieba taghhom l-konvenuti qed jikkommettu konkorrenza sleali a tenur ta’ l-Artikoli 32 u 34 tal-Kodici Kummercjali bi pregudizzju kbir lis-socjeta` attrici u ghalhekk is-socjeta` attrici ghandha dritt li twaqqafhom minn dan l-agir illegali; illi bl-agir illegali tal-konvenuti is-socjeta` attrici sejra ssofri dannu rreparabbli u ghalhekk talbet illi jinhareg mandat ta’ inibizzjoni kontra l-konvenuti sabiex id-drittijiet ta’ l-attirici jigu mharsa (Mandat numru 5745/96); illi s-socjeta` attrici sofriet danni kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Talbet li l-Prim Awla tal-Qorti Civili:-
(I) Tiddikjara illi l-konvenuti jew min minnhom ikkommettew atti ta' konkorrenza sleali a dannu jew pregudizzju tas-socjeta` attrici u dan kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 32 u 34 tal-Kodici Kummercjali.

(II) Tinibixxi lill-konvenuti milli jiggestixxu u joperaw negozju ta' restaurant, take away, jew pizzerija taht l-isem "Cottoner" jew isem li jinkludi l-kelma "Cottoner" u dan mill-fond sitwat fi Vjal Cottoner, Fgura, liema fond qieghed vicin in-negozju maghruf bhala "Cottoner Bar & Restaurant Pizzerija & Take Away" appartenenti lis-socjeta` attrici u sitwat fl-istess Vjal Cottoner, Fgura u milli jigu [mxandra] reklami jew avvizi fuq il-mezzi tax-xandir li jkollhom informazzjoni li tippregudika n-negozju tas-socjeta` attrici;

(III) Tordna illi a tenur ta' l-Artikolu 37 tal-Kodici Kummercjali kull att u haga li jirrizultaw li gie maghmul mill-konvenuti kontra l-Artikoli 32 u 34 tal-Kodici Kummercjali a dannu jew pregudizzju tas-socjeta` attrici jitnehha u jigi meqrud;
(IV) Tiddikjara lill-konvenuti solidalment responsabbli ghad-danni li s-socjeta` attrici sofriet bhala rizultat tal-kompetizzjoni sleali kommessa mill-konvenuti;

(V) Tillikwida l-istess danni;

(VI) Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici d-danni hekk likwidati; u

(VII) Tikkonferma l-mandat ta' inibizzjoni numru 5745 tas-sena 1996.

Bl-imghax u bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi, salv kull azzjoni spettanti lis-socjeta` attrici.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI**

2. Il-konvenuti eccepew hekk:-

(I) Illi fl-ewwel lok, in forza ta' l-att ippubblikat min-Nutar John Hayman fil-21 ta' Lulju, 1994, l-eccipjenti John u Denise konjugi Grech f'isimhom personalment bieghu lis-socjeta` Tlata Limited "Il-Pizzerija u Take Away" bl-isem Cottoner, formanti parti minn blokk ta' bini konsistenti f'guesthouse, pizzerija u take away u restaurant, bl-isem Cottoner, f'Cottoner Avenue, Fgura; u konsegwentement ma jistax jinghad illi l-istess eccipjenti ttrasferew, oltre l-ambjenti konsistenti fil-pizzerija u take away, ir-restaurant ukoll li baqa' proprjeta` ta' l-eccipjenti. Ir-restaurant kien u baqa' jifforma parti mill-kumpless maghruf bl-isem Cottoner. Ir-restaurant, flimkien ma' l-avvjament tieghu, baqghu proprjeta` ta' l-eccipjenti John u Denise Grech.

(II) Illi fit-tieni lok, l-eccipjenti, in vista tal-fatt li nhareg kontra taghhom il-mandat ta' inibizzjoni numru 5745/96 u ghall-iskkop li jimminimizzaw id-danni ghalihom infushom b'konsegwenza ta' l-istess mandat kienu ghaddew biex jissostitwixxu l-isem - "Hompesch" ghal dak "Cottoner" ghar-restaurant taghhom. Is-socjeta` attrici kienet taf illi sar dan il-kambjament qabel ipprocediet bic-citazzjoni odjerna, pero` realment kienet qed timmira, minghajr ma kellha ebda jedd, u anzi dolozament, illi tikkrea d-diffikultajiet biex l-eccipjenti jiggestixxu l-fond taghhom bhala restaurant bil-mod kif huma ntitolati li jaghmlu.

(III) Illi ghalhekk mhux talli l-eccipjenti m'humiex hatja ta' konkorrenza sleali, izda wkoll huwa l-kaz illi s-socjeta` attrici arrekat bl-agir taghha d-danni lill-eccipjenti li dwarhom qeghdin jirriservaw kull dritt ta' azzjoni lilhom spettanti.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B'sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru, 2000, fil-kawza fl-ismijiet premessi dik il-Qorti ddikjarat illi l-konvenuti kienu in kontravenzjoni ta' l-Artikolu 32 tal-Kodici Kummercjali meta regghu uzaw l-isem "Cottoner" u dan wara li parti mill-istabbiliment taghhom b'dak l-isem kien gie trasferit lis-socjeta` attrici u

ordnat li jinzamm in vigore il-mandat ta' inibizzjoni in kwantu dan jimpedixxi l-uzu ta' dan l-isem, izda fic-cirkostanzi cahdet it-talbiet l-ohrajn tas-socjeta` attrici; dik il-Qorti ordnat ukoll li l-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**L-APPELL TAS-SOCJETA` ATTRICI**

4.1 Is-socjeta` attrici hasset ruhha aggravata minn parti ta' din is-sentenza in kwantu, filwaqt li f'parti tas-sentenza l-Ewwel Qorti sabet lill-konvenuti in kontravenzjoni ta' l-Artikolu 32 tal-Kodici Kummercjali u kkonfermat il-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi in kwantu dan jipprojbixxi lill-konvenuti milli qatt aktar jerghu jaghmlu uzu ta' l-isem "Cottoner" (u minn din il-parti tas-sentenza s-socjeta` rikorrenti mhix qed tappella), ma laqghetx it-talbiet l-ohra tas-socjeta` appellanti.

4.2 Illi l-aggravji tas-socjeta` appellanti huma s-segwenti:-

(I) Fl-ewwel lok huwa stabbilit illi l-konvenuti ma setghux jaghmlu uzu mill-isem "Cottoner", u dan gie dikjarat mill-istess Qorti tal-Prim Istanza fis-sentenza taghha f'dik il-parti li mhux qed isir appell minnha. L-eccezzjonijiet tal-konvenuti kienu kollha dwar il-meritu ta' l-ewwel talba tas-socjeta` attrici kif kontenuta fic-citazzjoni, liema talba giet milqugha mill-istess Qorti. Ghalhekk, ladarba dan huwa stabbilit, skond l-Artikolu 37 ta' l-istess Kodici Kummercjali, il-konvenuti huma responsabbli ghall-hlas tad-danni u imghaxijiet jew penali. L-Artikolu 37 ma jimponi ebda rekwizit iehor hlief dak illi neguzjant ikun kiser l-Artikoli 32 sa 36. Ladarba dan il-fatt ikun sehh, il-konvenut hu responsabbli ghad-danni. Ma hemm ebda rekwizit iehor. Jekk ghall-grazzja ta' l-argument neguzjant ikun ghamel "zball genwin", dan huwa irrilevanti u ghandu jhallas id-danni jew penali.

(II) Illi fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghall-premess, mhu minnu xejn illi l-konvenuti ikkommettew zball genwin. Il-konvenuti ma gabu ebda prova f'dan ir-rigward. Huma kienu ben konsapevoli illi ma setghux jibqghu jaghmlu uzu ta' l-isem "Cottoner", u tabilhaqq baqghu jaghmlu hekk anki wara l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni. Mhux talli ma kienx zball izda kien hemm mala

fede assoluta u ksur ta' mandat ta' inibizzjoni li kien jipprojbixxi lill-konvenuti milli jaghmlu uzu ta' l-imsemmi isem. Kien biss wara li ghadda certu zmien krucjali (jigifieri wara li ghadda z-zmien tal-Milied tas-sena 1996, jigifieri wara li l-konvenuti kienu ppercepew il-"frott" ta' l-uzu ta' l-isem illegalment) illi waqfu juzaw l-isem in kwistjoni, izda sadanittant il-hsara lis-socjeta` attrici kienet saret u t-telf kien sar.

(III) Illi waqt ix-xhieda s-socjeta` attrici gabet il-provi taghha dwar id-danni li sofriet, li ma gew kontestati b'ebda mod.

Ghalhekk is-socjeta` appellanti tissottometti illi ma kien hemm ebda raguni skond il-ligi l-ghala l-Qorti tal-Prim Istanza ma ghaddietx ghal-likwidazzjoni u kundanna ghal hlas tad-danni.

Ghaldaqstant, is-socjeta` attrici talbet li l-Qorti timmodifika s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru, 2000, billi, filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu ddikjarat illi l-konvenuti kienu in kontravenzjoni ta' l-Artikolu 32 tal-Kodici tal-Kummerc u ordnat li jinzamm in vigore l-mandat ta' inibizzjoni numru 5745/96 in kwantu jimpedixxi lill-konvenuti l-uzu ta' l-isem "Cottoner", tilqa' t-talbiet numerati tlieta (3), erbgha (4), hamsa (5) u sitta (6) kif kontenuti fic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez taz-zewg istanza kontra l-konvenuti.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELLATI</u>**

5. L-appellati wiegbu li s-sentenza appellata hi gusta u timmerita konferma minn din il-Qorti.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. Is-socjeta` attrici tinsab aggravata bil-fatt li m'hijiex taqbel mal-mod ta' kif il-Qorti ta' l-ewwel grad interpretat l-Artikoli 32 sa 36 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap 13) u kif imbaghad ghaddiet biex iddeklinat milli tapplika kif suppost l-Artikolu 37 ta' l-istess Kodici billi tinfliggi danni

jew penali fuq l-appellati Ghalhekk talbet riforma ta’ din il-parti tas-sentenza moghtija. Is-socjeta` attrici appellanti ssostni li darba li gie stabbilit li konkorrenza sleali tassew sehhet bl-uzu ta’ l-isem “Cottoner” mill-appellati, l-istess konvenuti allura kien messhom gew ikkundannati b’wahda mis-sanzjonijiet imsemmija fil-ligi biex ipattu u jaghmlu tajjeb ghall-operat illecitu taghhom. Skond l-appellanti, l-uniku rekwizit mil-ligi hu li bhala stat ta’ fatt ikun sehh xi att li jaghti lok ghall-konkorrenza sleali; bla htiega jigifieri ta’ xi rekwizit iehor. Il-konsiderazzjoni dwar jekk il-fatt ikunx sehh in konsegwenza ta’ “zball genwin” o meno ma ticcentra xejn u kien proprju hawn fejn l-Ewwel Qorti zbaljat, issostni s-socjeta` attrici appellanti.

7. Ikkunsidrat li minn punto di vista ta’ dritt huwa minnu li l-Qrati taghna dejjem irritjenew li jekk il-fatt ta’ konkorrenza sleali jkun gie stabbilit, l-indagini tal-Qorti tieqaf hemm. Fi kliem iehor, ma hemmx ukoll il-htiega li jigi indagat l-element intenzjonali biex tigi stabbilita l-male fede. Hekk, per ezempju, gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet <u>Mizzi noe –vs- Frendo noe</u> moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell (Koll Vol. XXVIII 1 – 1- 776) fejn intqal li
“…. non é necessario a sostenere l’azione di fare la prova della malafede del convenuto”.

F’kaz iehor, imbaghad, deciz mill-Qorti tal-Kummerc in re <u>Dottor Sammut noe –vs– Mizzi pro et noe</u> (Koll. Vol. XLIV – III – 750), gie ritenut inoltre li
“Il-fatt jekk l-ingann ikunx frawdolenti, jew semplicement accidentali, jew derivanti minn zball, ma jaghmel l-ebda differenza.”

Mis-suespost mela l-posizzjoni li hadu dawn il-Qrati hija cara. Izda ghalkemm parti mis-sottomissjonijiet tas-socjeta` appellanti, taht dana l-aspett, tidher li hija korretta, fir-realta` l-aggravju taghha huwa infondat. Minn ezami akkurat tas-sentenza appellata fil-fatt jirrizulta li effettivament l-Ewwel Qorti rriskontrat htija fl-operat tal-konvenuti appellati <u>u hekk iddecidiet</u>. Dan ifisser li l-kumment taghha dwar “zball genwin” rilevat “marte proprio” minn dik il-Qort kien proprjament relatat mat-

talbiet sussidjarji konnessi mad-danni/penali u mhux ukoll fuq it-talbiet deklaratorji dwar responsabilita`.

8. Jibqa’ l-punt dwar jekk il-fatt li ta lok ghall-konkorrenza zleali jkunx sar in konsegwenza ta’ “zball genwin” jibqax xorta wahda necessarjament passibbli ghall-hlas ta’ danni jew penali. Is-socjeta` attrici ssostni li danni jew penali jridu jigu inflitti f’kazi bhal dawn. Evidentement, l-Ewwel Qorti wara li rriferiet ghall-provi, esprimiet ruhha mod iehor.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti, apparti l-aspett deklaratorju dwar responsabilita`, l-element intenzjonali jista’ jkollu piz fuq l-eventwali determinazzjoni u likwidazzjoni ta’ danni jew ghoti ta’ penali. Jekk, per ezempju, jirrizulta li l-intenzjoni ta’ min deher li agixxa skorrettement ma kienitx wahda “in mala fede”, riflessjoni fuq il-penali jista` certament ikun hemm. Jekk imbaghad jirrizulta inoltre li bhala fatt ebda danni, jew danni minimi u negligibbli, gew ikkagjonati, anke hawn ikun xorta wahda difficli ghall-Qorti biex tghaddi ghal-likwidazzjni tad-danni. Din il-posizzjoni giet imtennija fil-kawza fl-ismijiet Dottor Sammut noe –vs– Cuschieri pro et noe moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell (Koll. Vol XLII – I – 708) fejn gie ritenut li,
“Il-kwistjoni tal-buona u male fede tista` tkun importanti ghall-entita` tal-penali, ghall-bqija l-kolpa hi sufficjenti….”

F’dan il-kaz is-socjeta` appellanti ghazlet li titlob danni u mhux penali.

9. It-tieni aggravju huwa konness ma’ l-ewwel wiehed billi huwa speci ta’ korrollarju ghal dak li gie sottomess mis-socjeta` appellanti ghan-nuqqas ta’ qbil taghha ma’ dak li gie ritenut mill-Ewwel Qorti. Is-socjeta` appellanti tissottometti li mhux minnu li l-konvenuti gew indotti genwinament f’xi zball. Mhux biss ma ppruvawx dan imma talli dawn komplew joperaw bl-isem ta’ “Cottoner” anke wara li kien inhareg mandat ta’ inibizzjoni kontrihom.

Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi, is-sentenza apellata u s-sottomissjonijiet tal-partijiet, hija tal-fehma li

sostanzjalment dak li gie kkonstatat u deciz mill-Ewwel Qorti kien gust u korrett. L-“izball” da parti tal-konvenuti appellati, kif tajjeb irrilevat l-Ewwel Qorti, ma kienx attribwibbli ghan-nuqqas ta’ realizzazzjoni jew konsapevolezza min-naha tal-konvenuti li bl-uzu ta’ l-istess isem minn zewg intraprizi hdejn xulxin kien ser jaghti lok ghal konfuzjoni, imma ghal raguni ben differenti. Li jidher li gara kien li billi originarjament l-intrapriza tal-konvenuti kienet tikkomprendi kumpless akbar, u mhux biss il-pizzerija u t-“take away outlet”, u billi dan il-kumpless akbar kien ukoll maghruf bl-isem ta’ “Cottoner”, kien proprju ghalhekk li l-konvenuti dehrilhom li setghu jibqghu jaghmlu uzu huma wkoll minn dan l-isem. Minbarra dan, l-isem ta’ “Cottoner” originarjament kien inghata lill-kumpless min-naha tal-konvenuti, u dan sehh qabel ma parti minnu, igifieri l-pizzerija u t-“take away outlet” giet ittrasferita lis-socjeta` appellanti. Il-kuntratt ta’ trasferiment tal-pizzerija u t-”take away outlet” ma kienx sufficjentement car u esplicitu dwar x’kellu jsir bl-isem, ossija bl-uzu ta’ l-isem “Cottoner” ghall-bqija tal-kumpless li kienet baqghet ma gietx trasferita. Kien ghalhekk li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li hawn si trattava ta’ zball genwin u din il-Qorti tasal biex tikkondividi din l-opinjoni.

Is-socjeta` attrici tkompli tallega li l-konvneuti ppruvaw jiehdu vantagg minn din is-sitwazzjoni b’intenzjoni li jiddefrawdawha. Il-provi akkwiziti izda ma jwasslux ghal daqstant. Dawn il-provi anzi juru li meta l-konvenuti ntebhu li l-operat taghhom seta’ kien zbaljat u ingust mal-kontroparti, huma waqfu milli jibqghu jaghmlu uzu mill-isem ta’ “Cottoner”, u ghazlu minfloku l-isem “Hompesch”. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud.

10. Fl-ahharnett, is-socjeta` appellanti tissottometti li, wara kollox, provi dwar danni tressqu min-naha taghha u mhux kif irriteniet l-Ewwel Qorti. Kien allura jsegwi li l-Ewwel Qorti messha llikwidat dawn id-danni u kkundannat lill-appellati biex ihallsuhom.

Dwar il-kwistjoni ta’ danni – kwistjoni din purament fattwali – l-Ewwel Qorti irriteniet hekk,

"F'dawn ic-cirkustanzi din il-Qorti ma thoss(x) li ghandha tad(d)otta s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 37 tal-Kodici tal-Kummerc, dan ukoll billi ma jirrizultawx danni subiti mis-socjeta` attrici u f'dan ir-rigward wiehed ghandu jara x-xhieda ta' Pauline Debono li attribwit nuqqas fin-negozju biss ghall-effetti ta' l-elezzjoni". (Sottolinear ta' din il-Qorti).

Din il-Qorti wara li rat mill-gdid il-provi ma thosshiex konvinta li s-socjeta` attrici tabilhaqq irnexxielha tipprova li sofriet xi danni ta' sostanza.

Il-provi taghha taht dana l-aspett kienu fjakki hafna u ma jwasslu ghal ebda konkluzjoni konkreta. Min-naha l-ohra, il-konvenuti ma kellhom ghalhekk iressqu ebda provi kuntrarji biex jirribattu dawk ipprovduti mis-socjeta` attrici.

Ifisser ghalhekk li dan it-tielet aggravju huwa wkoll infondat u qed jigi respint.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li ghar-ragunijiet premessi tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tas-socjeta` attrici bl-ispejjez ta' din l-istanza jkunu a karigu tas-socjeta` attrici appellanti. L-ispejjez gudizzjarji relativi ghall-ewwel istanza jibqghu kif decizi mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------